MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Appell Kriminali Numru. 587/2012

Appell Nru: 586/2012 MM

Appell Nru: 587/2012 MM

Il-Pulizija

(Supretendent Carmelo Bartolo)

vs.

Kenneth Camilleri

Illum 15 ta' Jannar, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkzuzi kontra l-imsemmi Kenneth Camilleri, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 495378M talli:

1. F' Hal Qormi nhar it-3 ta' Jannar, 2006 għal ħabta tas-2.00 ta' filgħodu, volontarjament ta in-nar lid-dar ta' Jesmond Aquilina, fil-kapaċita' uffiċjali tiegħu ta' sindku ta' Ħal Qormi u l-membri tal-familja tiegħu, maħżen, ħanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, baċil jew bini ieħor, għarix jew xi lok ieħor, meta hemm ġew kien hemm persuni, fil-waqt tal-ħruq.

2. Ġie akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ta in-nar lil materjal li jaqbad, li kien qiegħed b'mod li jista' jqabbad il-ħruq lil xi bini ieħor, għarix jew lok ieħor, fejn f'dak il-waqt kien hemm ġewwa xi persuna.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioe' d-dar ta' abitazzjoni ta' Jesmond Aquilina fil-kapaċita' uffiċjali tiegħu ta' sindku ta' Ħal Qormi u l-membri tal-familja tiegħu, liema ħsara kienet iżjed minn ħames mitt lira Maltija u li saret għad-detriment tal-imsemmi Jesmond Aquilina u l-membri tal-familja tiegħu.

4. Talli wkoll f'dawn il-Gżejjer, nhar it-3 ta' Jannar 2006, għall-ħabta tas-6.45 ta' filgħaxija uża xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fornut minn impriża għal għan li ma jkunx dak li ġie fornut għalih, jew ittraskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu maħruġa minn impriża għall-użu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew inkella użah b'xi mod mhux kif imiss.

5. L-appellat ġie akkużat ukoll talli f'dawn il-Gżejjer, nhar it-3 ta' Jannar 2006 għall-ħabta tas-6.45 ta' filgħaxija, inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-Liġi minn servizz pubbliku u ċioe' Jesmond Aquilina fil-kapaċita' uffiċjali tiegħu ta' sindku ta' Ħal Qormi waqt li jkun għamel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

6. Finalment ġie akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, fl-istess data u ċirkostanzi, hedded serjament bil-mewt lil Jesmond Aquilina fil-kapaċita' tiegħu ta' sindku ta' Ħal Qormi u l-membri tal-familja tiegħu kollha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li nghatat fid-29 ta' Novembru, 2012 fejn wara li rat l-akkuzi miġjuba kontra l-appellat illiberat lill-imputat mir-reati addebitati lilu taħt il-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe' r-reati taħt l-Artikolu 317, 325. Illiberat ukoll mill-effetti tal-Artikoli 91.

Sabet ħtija taħt l-Artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Artikolu 339(e) assorbit fl-istess).

Sabet ħtija wkoll taħt l-Artikolu 35(1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta u kkundannat lill-imputat għal multa €2,300.

Fliet l-atti processwali;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat.

Rat ir-rikors tal-appellant Kenneth Camilleri pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-11 ta' Dicembru, 2012 fejn talab lil din il-Qorti, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferaha f'dik il-parti fejn huwa gie lliberat mir-reati lilu addebitati taht il-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe` r-reati taht l-artikolu 317, 325 kif ukoll fejn gie liberat mill-effetti tal-artikolu 91 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tikkonferma dik il-parti li gie misjub hati tar-reati kontemplati taht l-artikoli 95(1), 91 u 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u taghhom gie kkundannat ghal piena ta' prigunerija ta' sitt xhur sospizi ghal-sena (1), filwaqt li thassar u tikkancella dik il-parti fejn gie misjub hati tar-reat taht l-artikolu msemmi 35(1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, u gie kkundannat ghal multa ta' €2,300 multa u minflok tilliberah minn tali imputazzjoni u piena.

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-18 ta' Dicembru, 2012, ejn talab lil din il-Qorti Qorti tirriforma s-sentenza imsemmija billi:

Tikkonfermaha fil-parti fejn sabet ħtija fl-appellat u ċioe' taħt l-Artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9 kif ukoll taħt l-Artikolu 35(1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tikkonfermaha fil-parti fejn illiberat lil appellat taħt l-Artikolu 91;

Tħassaraha u tirrevokaha fil-parti fejn illiberat lil appellat taħt l-artikoli 317, 325 billi ssib ħtija u tinfliġġi piena idonea skont il-liġi.

Rat l-aggravji tal-appellant Kenneth Camilleri:

Illi l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni u interpretazzjoni inkompleta jew skorretta tal-Ligi meta sabet lil esponent hati tal-imputazzjonijiet migjuba taht l-artikolu 35(1)(d) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex l-elementi tar-reat kif kienet taqra d-dispozizzjoni tal-ligi relevanti fiz-zmien applikabbli ghall-kaz ma' rrizultawx mill-provi akkwiziti tul is-smiegh quddiem l-ewwel Qorti.

F' dan il-kuntest l-esponent ser jillimta ruhu billi jaghmel referenza ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fil-gudikat fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Dr. Etienne Calleja,* fejn hemm espozizzjoni dettaljata tal-punti ta' dritt li jaghtu sostenn ghall-gravam tal-esponent hawn sollevat.

Rat l-aggravji tal-Avukat Generali:

Illi fil-5 ta' Diċembru 2012, l-esponent irċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-fatti kif ukoll għamlet żball proċedurali li tali żball kien ta' preġudizzju għall-prosekuzzjoni.

Illi l-esponent Avukat Ġenerali intavola dan l- appell a bazi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 413 (1) (ċ) tal- Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi primarjament matul dawn il-proċeduri l-Ewwel Qorti għamlet żball bażilari ta' proċedura. A fol. 606 tal-atti proċesswali fil-verbal datat 28/03/2012 il-Qorti ordnat "li jixhed l-imputat, mingħajr dritt ta' kontroeżami." Illi huwa minnu illi kien ilu stabbilit li ser jixhed l-imputat mill-25 ta' Frar 2011, madanakollu kien hemm diversi differimenti li saru fuq ordni tal-Qorti u wkoll fis-seduta ta' qabel u ċioe' fit-8 ta' Frar 2012 il-Qorti f'verbal stqarret illi "Il-Qorti tiġbed l-attenzjoni tal-uffiċjal Prosekutur li anke jekk jonqos li jidher għas-seduta li jmiss tisma' lill-imputat, li jieħu l-pedana darba biss." Bir-rispett kollu, billi il-Qorti għamlet dawn id-dikjarazzjonijiet u saħansittra stabbiliet data meta kellu jixhed l-imputat, ma jfissirx li kienet korretta meta ċaħdet lill-prosekuzzjoni minn dan id-dritt funadmantali li jimpinġi fuq il-fair hearing.

Illi l-Artikolu 634 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula id-dritt tal-prosekuzzjoni li tagħmel kontro-eżami u dan "għalkemm dan il-kontro-eżami jkun jista' jġibu ħati tar-reat li għalih ikun imputat jew akkużat." Illi m'hemm ebda dispożizzjoni fil-liġi tagħna li tistipula illi l-kontro-eżami tal-imputat għandu jsir fl-istess ġurnata illi jsirlu l-eżami ħlief "Meta x-xhud

ikun minuri ta' taħt is-sittax-il sena, ix-xhud għandu jiġi eżaminat u kontro-eżaminat f'seduta waħda"[1].

Illi l-prosekuzzjoni għamlet anke talba[2] bil-miktub sabiex tingħanta iċ-ċans li tagħmel il-kontro-eżami lil appellat filwaqt li skużat ruħha mal-Onorabbli Qorti u tat ir-raġunijiet għaliex ma setgħetx tattendi għal dik is-seduta partikolari. Minkejja dan l-Ewwel Onorabbli Qorti baqgħet tippersisti u fit-2 t'April 2012 filwaqt li ċaħdet it-talba tal-prosekuzzjoni, wieġbet erronjament illi "l-imputat jieħu l-pedana biss darba, a scelta tiegħu."

Illi għalhekk meta l-Ewwel Onorabbli Qorti fil-verbal surriferit stqarret illi l-imputat jieħu l-pedana darba biss, ċaħħdet b'mod żbaljat lill-prosekuzzjoni minn dritt mogħti lilha mil-liġi kif ukoll kisret anke l-prinċipju bażiku tal-ġustizzja naturali u ċioe' dak tal-equality of arms. Illi konsegwenza ta' dan l-iżball proċedurali, il-prosekuzzjoni ma kellhiex iċ-ċans tikkontrolla x-xhud prinċipali u għalhekk ampjament saret vjolazzjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq. Minħabba dan inħoloq żbilanċ ċar bejn il-partijiet għaliex kieku sar dan il-kontro-eżami, li kien ser ikun inċisiv anke fuq fatti li fix-xhieda tal-imputat ma ssemmewx u anke seta' jimpinġi anke fuq l-eżitu tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti li potenzjalment kien ikun wieħed differenti ferm għaliex l-Ewwel Qorti kienet tkun tista' taprezza aħjar il-provi prodotti quddiemha u anke kienet tkun tista' taprezza l-komportament tal-imputat fuq il-pedana tax-xhieda meta rinfaċċjat b'verżjoni tal-fatti differenti minn dak li qal huwa stess. Illi fil-fehma tal-esponent f'dawn il-proċeduri seħħ nuqqas serju tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja li ċaħħad lil prosekuzzjoni milli tressaq il-każ komplut tagħha sal-grad ta' prova rikjest mil-liġi.

Illi b'konsegwenza ta' dan in-nuqqas, l-Ewwel Qori għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodottoti quddiemha u fl-umli fehma ta` l-esponent hija żbaljata meta ma sabitx ħtija fl-appellat taħt l-artikoli 317 u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi ċertament mill-assjem sħiħ tal-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ġie stabbilit illi l-appellant kien involut f'dan il-każ.

Illi l-appellat jammetti l-involviment tiegħu mill-bidu nett. Fl-istqarrija li rrilaxxa volontarjament l-appellat fl-4 ta' Jannar 2006, huwa jistqarr illi fit-3 ta' Jannar 2006 mar jixtri linja tal-mobile proprju biex jagħmel it-telefonati anonimi u għamel dawn it-telefonati id-dar tas-sindku ta' Ħal Qormi. Meta ċempel lill-missier is-sindku qallu "Kuntenti issa? Ħadtu pjaċir b'li għamilnilkom?" "U dan m'hu xejn għidlu lil ibnek. Il-kbir għadu ġej". Dan huwa ikkonfermah fl-istqarrija kif ukoll fix-xhieda li ta huwa stess viva voce.

---

[1] Artikolu 391(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija a fol.618 tal-atti.

Huwa hawnhekk fejn jibda jidher illi Kenneth Camilleri b'xi mod kellu x'jaqsam mal-reati li ġie akkużat bihom. Bniedem illi ma kellu x'jaqsam xejn xi jċempel jagħmel sabiex jhedded lil xi ħadd li ma jafx? Għaliex meta tkellem ma' missier is-sindku, kellmu fil-plural? Għaliex qallu "Kuntenti b'li GĦAMILNILKOM? jekk huwa ma kienx involut? Wieħed isaqsi wkoll: Għandha mis-sewwa il-verżjoni illi l-appellat ta, illi dan tant ried jgħin lill-ħabib tiegħu u għalhekk ċempel? U jekk iva għaliex xtara sim card apposta biex iċempel din id-darba biss u kif sar jaf li l-Pulizija qed ifittxuh rema il-linja?

Illi l-esponent jaċċenna għall-fatt ukoll li l-appellat dejjem ċaħad kategorikament illi huwa kien jaf lis-sindku ta' Ħal Qormi. Madanakollu mir-relazzjoni ta' Dr. Martin Bajada, jirriżulta illi jum qabel seħħu ir-reati suġġett tal-kawża odjerna, Toni McKay bagħat lill-appellat in-numru tad-dar tas-Sindku ta' Ħal Qormi. Wieħed allura mill-ewwel jistaqsi – X'użu kellu dan in-numru fil-mobile tal-appellat? Dan juri biċ-ċar li kien hemm pjan t'azzjoni maħsub minn qabel bejn il-persuni involuti u għalhekk l-ispjegazzjoni li ta l-appellat lill-Pulizija u lil Qorti ma treġix. Dan għaliex huwa kellu n-numru tad-dar tas-Sindku ġurnata qabel seħħu r-reati, wara li seħħu r-reati l-appellat mar għand Toni McKay u dam jistennih sakemm sar jaf li ġie arrestat u appena sar jaf dan huwa għamel il-famuża telefonata. Jidher biċ-ċar illi kollox kien maħsub minn qabel bejniet il-persuni involuti u allura t-telefonata saret għaliex huwa kien miftiehem ma' Toni McKay illi appena jiġi arrestat fuq dawn ir-reati, iċempel lil familja tas-sindku sabiex jisvija l-investigazzjoni.

Illi huwa minnu wkoll illi kif jidher ċar mir-rinviju għall-ġudizzju mibgħut mill-Avukat Ġenerali fil-15 ta' Settembru 2009, l-artikoli maħruġa fil-konfront tiegħu jittrataw ma' l-istess imputat bħala awtur tar-reati in deżamina. Illi minkejja dan l-Ewwel Qorti u dan skont l-artikolu 467(2)[3] tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta setgħet tiddikjara l-akkużat ħati bħala kompliċi fir-reati aktar 'il fuq imsemmija. L-artikolu 467(2) jgħid is-segwenti: "Meta ma jiġix ippruvat li l-akkużat, jew xi wieħed millakkużati, kien l-awtur jew wieħed mill-awturi tar-reat miġjub fl-att tal-akkuża, iżda jiġi ippruvat li kien kompliċi jew li jkun ħati ta' kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-reat, il-ġuri jista' jiddikjara l-akkużat ħati bħala kompliċi f'dak ir-reat jew ħati ta' kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-reat; reċiprokament, meta persuna tkun akkużata, fl-att tal-akkuża, b'kompliċità f 'reat il-ġuri jista' jiddikjara lil dik il-persuna ħatja ta' kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-reat jew ħatja bħala l-awtur, jew wieħed mill-awturi, ta' dak ir-reat u jekk hija tkun akkużata b'kospirazzjoni għall-għemil ta' reat hija tista' tigi ddikjarata ħatja bħala kompliċi f'dak ir-reat jew bħala awtur, jew wieħed mill-awturi, ta' dak ir-reat, ikkunsmat jew ittentat, jekk ikun hemm provi ta' dan:"

Kif jinqtal fil-kawża Il-Pulizija vs Agius Carmelo et. [4] "Persuna li tiġi akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala awtur ta' delitt, tista' tinstab minn dik il-qorti ħatja sia ta' kompliċi

[4] Qorti tal-Appell Kriminali, Vincent De Gaetano, 24/05/2002

f'dak id-delitt kif ukoll ħatja biss ta' tentattiv ta' dak id-delitt. Din hija l-linja li dejjem ħadu l-Qrati tagħna; u kienet tkun sitwazzjoni  pjuttost stramba, jekk mhux addirittura assurda, li kieku filwaqt li fil-proċedura solenni tal-ġuri perusna li tkun akkużata bħala l-awtur ta' reat tista' tinstab ħatja bħala kompliċi f'dak ir-reat jew ħatja ta' tentattiv f'dak ir-reat, fil-proċedura essenzjalment sommarja quddiem il-Qorti tal-Maġsitrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tali possibilita' ma kienetx teżisti."

Illi minn dak aktar 'il fuq imsemmi jirriżulta kjarament illi l-appellat Kenneth Camilleri irrenda ruħu kompliċi fir-reati addebitati lilu. Illi kif jgħid Sir Anthony Mamo [5] rigward il-kompliċita "Now, the notion of participation in an offence implies that one and the same is the offence committed, the subjects responsible therefore are several and consequently, there must be fulfilled in respect of each of them, the conditions required to constitute the subject of an offence. The two or more persons concurring in the offence must be shown to have intended one and the same offence and have done something towards committing it."

Illi l-common design u ċioe' "the two or more persons concurring in the offence must be shown to have intended one and the same offence and have done something towards committing it "huwa ppruvat sal-grad rikjest mil-liġi, u allura lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni illi Kenneth Micallef a bażi tal-Artikolu 43(d) irrenda ruħu kompliċi billi "b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ppreparat jew ikkunsmat."

Ikkunsidrat:

F'din il-kawza l-Qorti ghandha quddiemha zewg appelli, dak tal-imputat u dak tal-Avukat Generali. Peress illi l-meritu huwa l-istess il-Qorti sejra titratta z-zewg appelli f'sentenza wahda.

Rat is-sentenza preliminari taghha tat-tnejn (2) ta' Ottubru elfejn u erbatax (2014) (fol 687) fejn cahdet eccezzjoni ta' nullità tar-rikors tal-Avukat Generali mqajjem mill-imputat.

Ikkunsidrat:

[5] Lectures in Criminal Law Reprint 1986, fol. 124.

Irrizulta mill-provi illi fit-tlieta (3) ta' Jannar tal-elfejn u sitta (2006) ghal habta tas-saghtejn ta' filghodu (2.00 a.m.) il-bieb tal-faccata tas-sindku ta' Hal Qormi Jesmond Aquilina inghata n-nar. Il-pulizija accedew fuq il-post in-nar gie ikkontrollat izda lahqet saret hsara konsiderevoli. Fuq il-post instabu bicciet mahruqin kif ukoll kontenitur tal-plastik. Minn CCTV camera illi kien hemm mal-bieb tal-familja Aquilina gie stabilit x'gara dik il-lejla. Fil-filmat deher ragel miexi lejn ir-residenza tal-familja Aquilina, ipoggi xi haga mal-bieb, jaghti n-nar u jahrab jigbri. Is-sindku stqarr illi kellu suspett f'certa persuna Anthony McKay minhabba argument illi kellu fuq allokazzjoni tal-post fuq il-monti. McKay gie arrestat izda minkejja li ammetta li kellu xi dizgwid mas-sindku, innega illi kellu x'jaqsam ma' dan l-incident. Waqt illi McKay kien qed jigi interrogat mill-pulizija, missier is-sindku Aquilina ircieva telefonata anonima u fost id-diskors li ntqal inghad "kuntent b'li ghamilnielek? u l-kbir ghadu gej." Meta giet analizzata s-sors ta' din it-telefonata irrizulta illi din dahlet minn linja gdida illi kienet ghadha kemm inxtrat u intuzat biss sabiex saru dawn it-telefonati immirati lejn is-sindku. Minkejja li l-linja ma kinitx irregistrata, kienet imqieghda f'mobile li fuqu kienet tintuza linja ohra illi kienet irregistrata fuq l-imputat u b'hekk il-pulizija waslu ghal arrest tieghu.

L-imputat Kenneth Camilleri ammetta illi huwa ghamel din it-telefonata u ghamel dan sabiex jizvija l-investigazzjoni minn fuq Anthony McKay. L-imputat tressaq il-Qorti sabiex iwiegeb ghall-akkuzi li jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat u b'sentenza tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru tal-elfejn u tnax (2012) il-Qorti tal-Magistrati illiberat lill-imputat mir-reati addebitati lilu taht il-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta u cioé r-reati taht l-artikolu 317, 325 kif ukoll mill-effetti tal-artikolu 91. Sabet htija taht l-artikolu 95(1) tal-Kap 9. Sabet htija ukoll taht l-artikolu 35(1)(d) tal-Kap 399 tal-ligijiet ta' Malta u ikkundannat lill-imputat ghall-multa ta' elfejn u tlett mitt ewro (€2,300).

Kif già inghad, kemm l-imputat kif ukoll l-Avukat Generali appellaw minn din is-sentenza, l-appellat ghax deherlu illi ma kellux jinstab hati taht il-provvedimenti tal-artikolu 399 tal-ligijiet ta' Malta u l-Avukat Generali peress illi deherlu illi l-imputat kellu wkoll jigi misjub hati tal-artikolu 317, 325 tal-Kap 9.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi l-appellant Kenneth Camilleri mhuwiex qieghed jinnega illi sar dak id-diskors illi uza mezzi ta' komunikazzjoni sabiex jikkomunika ma' missier is-sindku ta' Hal Qormi u qal dak id-diskors illi jista' jigi censurat. Però l-Prosekuzzjoni ipprocediet kontra l-imputat fil-kuntest tal-Kap 399 li, kif inhu llum, huwa ferm differenti minn kif kien fi zmien tal-kommissjoni tar-reat.

Ikkunsidrat:

L-incident gara fit-tlettax (13) ta' Jannar tal-elfejn u sitta (2006) fejn il-provvedimenti tal-Kap 399 ma kinux l-istess kif inhuma llum. Tant hu hekk illi d-Difiza korrettament irreferiet ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija versus Etienne Calleja deciza fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Awwissu tal-elfejn u sebgha (2007) f'sitwazzjoni kwazi identika ghal kaz odjern fejn fil-qosor il-Qorti kienet qalet "illi ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti anke kieku ghall-grazzja tal-argument, il-kliem inkriminanti kellu jitqies bhala kliem ta' theddid, il-Prosekuzzjoni kien imissha ipprocediet skont l-artikolu 339(e) fuq imsemmi u mhux taht l-artikolu 35 tal-Kap 399. U ipprocediet biex tilqa' l-aggravju tal-appellant peress illi irriteniet li "l-agir tal-appellant ma kienx jikkonstitwixxi reat taht l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu."

L-Avukat Generali fit-trattazzjoni tieghu quddiem din il-Qorti irrikonoxxa l-argument tad-Difiza u ikkonferma illi l-Kap 399 gie mibdul wara li nghatat is-sentenza Il-Pulizija versus Etienne Calleja. Ghalhekk din il-Qorti thoss illi l-imputat Kenneth Camilleri ghandu ragun fl-appell tieghu u ma kellux jinstab hati tar-reati ikkontemplati fl-artikolu 35(1)(d) tal-Kap 399 tal-ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi milqugh u din il-Qorti tirritjeni illi l-agir tal-appellant Camilleri ma kienx jikkostitwixxi reat taht imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti però, ghandha quddiemha l-appell tal-Avukat Generali fejn dan deheru illi l-ewwel Qorti kellha ssib htija fl-artikolu 317 u 325 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta. L-Avukat Generali argumenta illi sar hruq mal-bieb tas-sindku ta' Hal Qormi. Illum il-Prosekuzzjoni mhiex qieghda tghid illi kien Camilleri li wettaq il-hruq izda probabilment dan kien Anthony McKay. Meta McKay kien qed jigi interrogat mill-pulizija Camilleri ghamel it-telefonata biex skont hu jghin lil habib tieghu. Dan ifisser illi sar hsieb minn qabel biex it-telefonata ssir u ghalhekk Camilleri xtara "sim card" ftit sieghat qabel il-hruq biex jaghmel it-telefonata. Dan kien ipoggi lil Camilleri f'assocjazzjoni illegali ma' haddiehor sabiex jigi mwettaq reat.

Id-Difiza però argumentat illi b'dan l-appell l-Avukat Generali qed ibiddel id-direzzjoni tal-argument quddiem l-ewwel Qorti. Illum l-Avukat Generali qed jammetti illi ma kienx

Camilleri illi wettaq dan in-nar però quddiem il-Qorti tal-Magistrati l-Prosekuzzjoni kienet qed tinsisti illi kien fil-fatt Camilleri l-awtur tieghu. Min wettaq in-nar sofra minn flashback però Camilleri ma kellu xejn u fuq hwejjgu ma irrizultawx tracci ta' nar jew fuel. Però llum l-Avukat Generali qieghed jghid illi Camilleri kien b'xi mod assocjat ma' min wettaq ir-reat. Id-Difiza ghalhekk targumenta illi peress illi hadd ma tressaq bhala awtur tar-reat ma' xhiex Camilleri kellu jkun assocjat? Din l-assocjazzjoni kif qieghed jitlobha l-Avukat Generali tikkuntrasta mal-akkuza fejn Camilleri hu meqjus bhala awtur.

Ikkunsidrat:

Originarjament l-imputat kien addebitat bi hruq b'periklu komuni skont l-artikolu 317 u bi hsara volontarja skont l-artikolu 325 tal-Kap 9. Minn dawn, l-appellant Camilleri gie misjub mhux hati. L-Avukat Generali però argumenta li l-ewwel Qorti kellha ssib lil Camilleri hati ta' komplicità u ta' konsperazzjoni ghall-ghemil tar-reat fl-isfond tal-artikolu 467(2) tal-Kap 9.

Ikkunsidrat:

L-argument tal-Avukat Generali huwa validu peress illi Qorti tista' minflok ma ssib persuna hati ta' awtur tar-reat, issibu hati ta' komplici jew assocjazzjoni. Biex dan isir però jrid jirrizulta "a common design" li gie mfisser "the two or more persons concurring in the offence must be shown to have intended one and the same offence and have done something towards committing it." Kwindi jrid jigi ippruvat minghajr dubbju dettat mir-raguni illi Camilleri kellu l-istess intenzjoni u hsieb tal-awtur principali ta' dan ir-reat illi ghamel atti preparatorji u jwettaq ir-reat ta' hruq tad-dar tas-sindku. Din il-Qorti jidhrilha illi dan il-livell ta' prova ma ntlahaqx. L-unika prova illi mhiex kontestata u irrizulta minn dawn l-atti hija illi Camilleri ghamel dik it-telefonata lis-sindku wara l-incident u waqt illi McKay kien qed jigi interrogat mill-pulizija. Dan ma jfissirx illi Camilleri kellu l-istess intenzjoni ta' McKay illi jqabbad in-nar mad-dar tas-sindku u jfisser biss illi waqt illi McKay kien qed jigi interrogat mal-pulizija Camilleri gieh f'mohhu illi jaghmel dik it-telefonata biex jghin lil habib tieghu. F'dawn ic-cirkostanzi l-konsiderazzjonijiet imsemmija fl-artikolu 467(2) ma jistghux javveraw ruhhom peress illi dak li ghamel l-appellant Camilleri hu nettament distint u separat minn min wettaq il-hruq mad-dar tas-sindku ta' Hal Qormi.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-argument tal-Avukat Generali ma jreggix u l-appell tieghu jisthoqq illi jkun michud.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta′ u tiddeciedi illi filwaqt illi tichad l-appell tal-Avukat Generali, tilqa′ l-appell tal-appellant Kenneth Camilleri u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn l-appellant gie illiberat mir-reati addebitati lilu taht il-Kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta u cioé r-reati taht l-artikolu 317, 325, kif ukoll fejn gie liberat mill-effetti tal-artikolu 91 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta, kif ukoll tikkonferma dik il-parti fejn gie misjub hati tar-reati kontemplati taht l-artikolu 95(1) u 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta u taghhom gie ikkundannat ghal piena ta′ prigunerija ta′ sitt (6) xhur sospizi ghal sena, thassar u tikkancella dik il-parti fejn gie misjub hati tar-reat taht l-artikolu 35(1)(d) tal-Kapitlu 399 tal-Ligijiet ta′ Malta u fejn gie ikkundannat ghal multa ta′ elfejn u tlett mitt ewro (€2,300) u minflok tordna illi jigi illiberat minn tali imputazzjoni u multa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------